# *Kunsill Lokali Marsaskala*

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **34** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tlieta 23ta' Ġunju 2015 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard<br>Is-Sur Lawrence Ciantar |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 33.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni tal-kwotazzjoni MLC 03/2015 – Cleaning of Council Premises and other premises.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.

Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 *Qari w approvazzjonital-Minuti :*

1.1 **Laqgħa Nru 32(1) tat-21 ta' April 2015:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi paġna 6 l-ewwel paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jaqbel perfettament mad-diskors li għadu kif qal il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri. Huwa qal illi ż-żgħażagħ u t-tfal tagħna ma jistgħux jkomplu jilgħabu ġo xi rokna u dan il-proġett ser jkun post fejn dawn iż-żgħażagħ u t-tfal jistgħu jilgħabu. Huwa kompla jisħaq illi fil-passat kienu ġew żvillupati affarijiet illi in-nies tas-South ma kienux qed jistennew bħal l-impjant tar-riċiklaġġ, il-purifikazzjoni tat-tisfija tad-drenaġġ, il-Power station f'Delimara iżda il-Gvern ta' dak iż-żmien baqa għaddej bil-pjanijiet u l-iżviluppi. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi bil-bini ta' din l-universita` ser jqanqal qawmien ekonomiku kemm fil-lokal tagħna u kemm fil-bqija ta' Malta. Huwa għalaq id-diskors tiegħu li dan mhux proġett finalizzat infatti l-Prim Ministru staqsa għal proposti fuq postijiet alternattivi. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar iddikjara li huwa favur ta' dan il-proġett u li jsir fin-naħa t'isfel ta' Malta".*

1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi paġna 10 punt #3.8 it-tieni paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Intqal illi l-latrina żgur li ma tistax tieħu ħsieba terza persuna diment li hemm kuntratt".*

1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ġibed l-attenzjoni illi paġna 7 punt #3.11 it-tieni paragrafu għandu jinqara kif ġej:

*"Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi peress illi l-laqgħat tar-Reġjun mhux qed jsiru minħabba nuqqas ta' kworum għaldaqstant fl-assenza tas-Sindku jistgħa jattendi Kunsillier.*

*Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk jkun infurmat minn qabel jagħmel mezz li jattendu hu. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri offra li jmur huwa wkoll".*

1.4 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ġibed l-attenzjoni illi paġna 5 l-aħħar paragrafu għandu jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri beda billi qal illi hu ilu mis-sena 2009 illi waqqaf il-klabb tal-futboll ġewwa Marsaskala u ilu min dak iż-żmien jissielet sabiex issir faċilita` sportiva ġewwa l-Lokalita'. Kompla jgħid illi kien iltaqa mas-Sur Clyde Puli rigward ix-xewqa li kellu għal Marsaskala li jkollna faċilita` sportiva u deher li kien hemm qbil pero' fil-kors taż-żmien xorta baqa ma twettaq xejn. B'hekk hu kien talab lil Onorevoli Owen Bonnici sabiex jiċċekja jekk kienx hemm xi pjan għal sport facility f'Marsaskala u kien sar jaf illi l-area taż-Żonqor kellha tiġi Park Nazzjonali u ż-żona tal-madwar il-pixxina kellu jkun hemm faċilita sportiva. F'Ġunju tal-2012 bdiet sensiela ta' korrispondenza rigward PA177/08 sabiex issir diving facility u għalkemm baqa jitlob li issir sport facility kompluta ġewwa Marsaskala baqa qatt ma sar xejn. Hu qal illi proġett bħal dan tal-Universita' Amerikana bilfors irid isir ġewwa ODZ area minħabba li sport facilities oħra dejjem saru f'ODZ areas, b'hekk hu iddikjara li jaqbel ma dan il-proġett għaliex ser ikun qed jgħin fl-att sportiv u ż-żagħżagħ li ser ikunu qed iżuru dan il-post ser jieħdu eżempju tajjeb għaliex ser ikunu f'ambjent universitarju għalhekk hu jara li din l-Universita' ser iġġib biss ġid u għalhekk jivvota favur".*

1.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi paġna 13 punt #5.0 it-tielet paragrafu għandu jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fit-tender hemm mniżżel il-bins għandhom jitbattlu siegħa qabel ma jiġi it-trakk".*

***Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ssekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 33(1) tat-18 ta' Mejju 2015:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa rigward paġna 4 artiklu #3.1 rigward l-universita' proposta fiż-Żonqor fejn qal illi ftit tax-xhur ilu l-Kunsill kien approva komunikazzjoni illi ż-Żonqor jitqies bħal *open space* u għaldaqstant staqsa fejn waslet din il-komunikazzjoni u talab sabiex titella *online* ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi din il-komunikazzjoni kienet intbgħatet lil Kunsilliera kollha.

Is-Sindku wieġbu illi l-MEPA għanda dritt illi tilqa, tipproċessa u tapprova applikazzjonijiet ġo ODZ areas sakemm sostenibbli fuq saħħa u edukazzjoni.

Il-Kunsilllier is-Sur Charlot Cassar qal li l-iktar li ser jibbenifikaw huwa l-kummerċ.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-6.30pm***

Is-Sindku qal li aħna favur l-proġett iżda bl-inqas impatt ambjentali possibli. Huwa kompja jgħid illi meta madwar sitt xhur ilu f'ġurnal bl-Ingliż dehret stqarrija li ser tinbena lukanda fiż-Żonqor il-Kunsill ma qabilx unanimament. Is-Sindku kompla jispjega illi xbajna ngħidu li Marsaskala minsi u hemm bżonn li l-likanda Jerma titwaqqa u tinbena oħra minfloka.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar reġa talab sabiex din il-komunikazzjoni tal-*open space* tiġi ppublikata jew tiġi annessa mal-minuti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi din il-komunikazzjoni ma għandiex għalfejn ~~titella~~ ~~*online*~~ ~~iżda~~ titressaq għal laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Huwa kompla jgħid li kull Kunsillier jista jfittex fil-minuti tal-Kunsill personalment. Huwa kompla jgħid illi fi żmien il-gvern immexxi mil-Partit Nazzjonalista f'isem il-*waterpolo club* kien hemm applikazzjoni sabiex isir żvilupp ġo l-istess żona taż-Żonqor isir żvilupp kif ukoll sabiex tinbena *yacht marina* ukoll.

Is-Sindku talab lil Kunsillier lis-Sur Charlot Cassar sabiex ma nkissrux l-armonija li bnejna f'dan il-Kunsill bil-parteġjaniżmu u qallu ukoll illi l-Prim Ministru qal li hemm lok li nsibu kompromess.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-korrispondenza tal-postijiet proposti bħala *open space* titressaq għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 punt #2.1.1 fejn qal li għad fadal l-papri fil-Magħluq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien kellem lill-persuna inkarigata u qallu li qed jaħdmu sabiex jkomplu jaqbdu l-papri anke minħabba l-fatt li kien hemm ħafna iktar papri milli ħasbu.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa fuq paġna 8 artiklu #3.3 rigward il-lezzjonijiet tal-banda jekk konniex tkellimna magħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ikkoresponda magħhom u bagħtilom bil-miktub illi kif jirpovdu l-irċevuti aħna nħallsu nofs l-ammont kif kien ġie deċiż.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar informa lil Kunsilliera fuq paġna 13 punt # 5.0 fejn qal illi t-*tender* tal-ġbir ta' skart ġie ffirmat u beda jiġi affetwat. Huwa qal ukoll illi l-boroż xtrajnihom ukoll. Huwa kompla jispjega illi fl-ispeċifikazzjoniet tat-tender konna niżżilna illi t-trakkijiet jridu jkunu Euro 4 jew superjuri. Huwa kompla jispjega illi dan il-kuntrattur mhux qed jaderixxi mat-tender għax qed juża trakkijiet li mhumiex *euro 4* jew aħjar u ma kienux ukoll ipprovduti fl-offerta li kien issottometta. Huwa qal dawn it-tlett trakkijiet għandhom in-numru tar-reġistrazzjoni RVS001, GAH975 u ROB301. Huwa kompla jispjega illi jekk jrid jaħdem bi trakkijiet li ma kienux imniżla fl-offerta jridu jġib ċertifikat mit-TM u jridu jkunu *euro 4* jew superjuri.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-ewwel għandha toħroġ ittra u jekk sal Ħamis 25 ta' Ġunju 2015 ma jaħdimx bit-trakkijiet illi huma *euro 4* tinħareġ *default notice*.

2.1.5 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet fuq paġna 3 artiklu #2.1.3 jekk irċevejniex xi ħaġa fuq il-*floating docs*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma rċevejna xejn.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet jekk il-bajja sarietx *blu flag*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi verbalment kienu nfurmawh illi din qiegħda taħt l-MTA u għamlu żewġ *coast guards* pero` il-proċess biex il-bajja tikseb *blue flag status* huwa twil.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li meta kienu tkellmu fuq din il-materja huwa ma kienx favur illi l-Fajtata tinqala l-istruttura li jaqbżu fil-baħar minn fuqha pero` la kienet ta' periklu huwa qabel li titneħħa u jinstab post alternattiv fejn jkunu jistgħu jaqbżu. Huwa kompla jispjega illi xi ħmistax ilu kien fejn il-Fajtata u ra li din l-istruttura kienet magħluqa bi-ħadid. Huwa saħaq li fil-preżent qiegħda iktar ta' periklu għax iż-żgħażagħ jistgħu jitilgħu iktar fl-għoli biex jaqbżu u post alternattiv ma nstabx. Apparti minn hekk huwa qal li dan kien proġett ta' *embellishment* sħiħ u mhux biss biex tinqala l-Fajtata.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issuġerixxa illi nieħdu r-ritratti u nibgħatu lil-*works division*.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

2.1.6 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet fuq paġna 13 artiklu #6.0 jekk għandiex il-materjal ta' arti fil-beraħ ħalli tkun tista tellgħa kollox *online*.

Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar weġbita illi ser tgħaddila ir-ritratti.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irrimarka fuq paġna 11 artiklu #3.13 fejn qal illi fuq is-simenta faċċata tas-Summer Nights bejn l-attivitajiet li jkun hemm u l-karozzi li jipparkjaw hemm mhux qed jkun hemm minn fejn jgħaddu in-nies.

Il-Kunsill qabel unanimemement ili jitwaħlu t-tabelli *do not obstruct the promenade* u anke jkun hemm il-pulizija sabiex josservaw il-liġi.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll sabiex jsiru *double yellow lines* fil-*junctions* ta' Triq ix-Xatt ta' ħdejn il-*Brighton take away.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsiru *double yellow lines.*

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Laqgħa mal-Perit Claude Mallia (35/2499/15/I) (35/1993/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jispjega illi wara li l-Kunsill kien iddiskuta din il-komunikazzjoni fil-laqgħa preċedenti sabiex jsir *kiosk* ġewwa San Tumas, kien ħa deċiżjoni sabiex jiltaqa mal-applikant flimkien mal-Perit tagħha, u din il-laqgħa kienet saret.

Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa mal-Perit Claude Mallia kien infurmahom illi hemmhekk ma jistax jsir skavar u jekk persuna jkolla il-permess tat-*trade* u jkolla *mobile kiosk* ma jkunx hemm problemi. Huwa kompla jispjega illi wara l-laqgħa kien tkellem mas-Sur Montebello mit-*Trade Licensing unit* fejn spjegalu illi hemm żewġ tipi ta' *hawkers;* dawk illi jbiegħu minn fuq il-van u jimxu bħal tal-ġelati u dawk li huma *fixed hawkers* li jkunu ntitolati għal ftit siegħat iktar mill-oħrajn iżda xorta filgħaxija ż-żewġ tip ta' *hawkers* jridu jneħħu l-*mobile kiosk* tagħhom. Huwa kompla jispjega illi ftit tal-granet wara ra persuna bil-*mobile kiosk* tagħha armat fil-post li kienu qed jissuġġerixxu lill-klijent tal-Perit Claude Mallia fil-Fajtata fejn apparti li kellhom il-*mobile kiosk,* ħadu parkeġġ ieħor bl-imwejjed u siġġijiet u parkeġġ ieħor fejn kellhom il-gass. Is-Sindku qal li mar ikellmu għaliex ħaseb li kienu l-istess nies li kellhom il-laqgħa magħhom pero` induna li dan kien *hawker* differenti fejn urih il-permess tat-*trade* u għaldaqstant għandu id-dritt li jarma hemm. Is-Sindku qal li dan wara li jżarma qed jipparkja il-karozza tiegħu minflok il-*mobile kiosk* sabiex l-għada jkollu dejjem il-post riservat. Huwa kompla jispjega illi żewġ *hawkers* ħdejn xulxin ma jistgħux joqogħdu sakemm ma jkunx hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet. F'każ illi ma jkunx hemm qbil l-aħħar persuna li tokkupa l-post ma jkunx jistgħa jibqa hemm.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li din is-sitwazzjoni qed tiġri bil-bejjiegħa tal-ħaxix fejn jħallu karozza pparkjata minflokk it-trakk sabiex dejjem jkollom il-post riservat. Huwa qal li hu mhux kontra l-bejjiegħa tal-ħaxix iżda apparti li dejjem qed jkollom post riservat wieħed mill-bejjiegħa ta' Triq ix-Xatt qed jorbot *wire* mal-arblu mad-dawl ornamentali wara li aħna għadna kif irrestawrajnih.

Il-Kunsill qabel unanimament illi *kiosk* fiss ma jaqbilx miegħu imma f'każ illi l-klijenta tal-Perit Claude Mallia tnaddaf l-area u ittella *retaining wall* ma jsibx oġġezzjoni illi tarma minn Ġunju sa Diċembru ta' kull sena diment li l-kiosk ikun mobile u mhux fiss u allura jkun kiosk fuq ir-roti.

iżda

Is-Sindku qal illi l-propjetarji tal-*Waterline Restaurant* qed joħorġu mwejjed u siġġijiet illi ma għandhomx permess għalihom, kif ukoll mwejjed bil-banketti twal fejn qed jagħlqu l-passaġġ għan-nies minn fuq il-bankina, kif ukoll żewġ *units* tal-*airconditioners.*

Il-Kunsill għandu jinforma lill-puluzija għall-infurzar.

3.2 **Kwistjoni mal-kuntrattur Crossroads (35/1880/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi kien iltaqa diversi drabi ma dan il-kuntrattur minħabba x-xogħolijiet pendenti li għandu. Dan il-kuntrattur kien infurmaħ illi ma għandux biżżejjed ċans sabiex jagħamel ix-xogħol u nfatti xahar ilhu kien bagħtilna l-ittra ta'riżenja.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li ilna minn Frar nitolbuh sabiex jibda ix-xogħol pendenti li għandu liema xogħol qatt ma twettaq.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jilqa l-ittra ta'riżenja tal-kuntrattur *Crossroads* u għaldaqstant il-kuntratt tar-*road maintenance and major patching works in access and access only roads* ġie terminat kiema kuntratt kien jiskadi fil-bidu t'Awissu minħabba li dan il-kuntratt jiġġedded min sena għal oħra.

3.3 **Xogħol li se jsir min-naħa ta' TMalta fu Triq iż-Żonqor:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi fi Triq iż-Żonqor ser jsiru l-*barriers* tal-ħadid, marki tal-karreġjat kif ukoll fin-nofs ser issir *raised central strip* liema xogħol se jsir kollu minn Transport Malta u skond kif kien ġie propost mil-Kunsill sabiex parkeġġi ma jintilfux.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li fi triq Ġebel Ħanxul ma Triq l-Iskal kien hemm il-barriers u tneħħew.

Is-Sindku wieġbu li dawk inqalgħu għaliex ser jinbidlu.

3.5 **Sigulda dance group visiting Malta :**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi meta kien Latvia kien iltaqa ma grupp ta żeffiena u issa ġejjien Malta mill-4 sa 8 ta' Settembru sabiex jagħmlu l-*performance* tagħhom fil-lokalita` ta' Marsaskala. Huwa qal li aħna ser nħalsu għal *accomodation* u *transport* għal tlett ijiem u l-ġranet l-oħra ser jħalsuhom huma jew ser nipruvaw noħduhom ġo Kunsilli oħra sabiex jikkavraw ftit mill-ispejjeż li ser jħallsu huma.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.6 **Eden – Malta : A Taste of the Mediterranean (35/2242/15/I):**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera illi ser jsir proġett b'kompetizzjoni fuq turiżmu u gastronomija lokali min-naħa tal-MTA u l-Ministeru tat-Turiżmu.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex ma nipparteċipawx f'din il-kompetizzjoni.

3.7 **Premju Ġieħ Marsaskala:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li wasal iż-żmien sabiex nibdew nippreparaw rigward il-Premju Ġieħ Marsaskala. Huwa qal li fil-fehma tiegħu għandha tinħoloq formola għal kull min ikun jixtieq jinnomina lil xi ħadd u wara jinħoloq bord sabiex jiddeċiedi lil minn jingħata l-premju. Il-Kunsill għandu jipprova jġib xi kriterji mingħand Kunsilli Lokali oħra

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.8 **Ħatra ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li rċevejna l-ittra ta' riżenja min-naħa tal-Ambaxxatur taż-żgħażagħ, irċieva komunikat mis-Sinjorina Nicole Busuttil fejn wriet ix-xewqa li tieħu din il-pożizzjoni. Huwa qal li din hija tfajla li qiegħda membru fil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li is-Sur David Massa kien għaddej bl-eżamijiet u apparti minn hekk kien għalaq tmientax -il sena. Huwa kompla jgħid illi s-Sinjorina Nicole Zammit hija tfajla bieżla ħafna u attiva fi ħdan il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din il-pożizzjoni tingħata lis-Sinjorina Nicole Busuttil.

3.9 **Korrispondenza mingħand is-Sur Matthew Bezzina sabiex jsiru għaxar toqbiet ġodda għan-nar tal-art (35/2628/15/I):**

Is-Sindku qal li s-Sur Bezzina qed jitlob il-permess u l-għajnuna tagħna sabiex jsiru għaxar toqbiet ġodda minħabba n-nar tal-art.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex it-toqob jsiru min-naħa tal-Kunsill u niprovdu t-tappiri wkoll.

3.10 **A+ Accessibility Award (35/2532/15/I):**

Is-Segretarju Eżeuttiv preżenta din il-komunikazzjoni dwar premji fuq aċċessibilta` fil-lokalita` għal-persuni b'diżabilita`.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din is-sena ma napplikawx għalija.

3.11 **Applikazzjoni dwar l-ekx Jerma Hotel (35/2537/15/I):**

Is-Sindku qal li huwa nfurmat illi fl-applikazzjoni hemm imsemmi li ser boutique hotel u ser jkolla madwar 500 ruħ.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-applikazzjoni għada pendenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fl-applikazzjoni għada fis-seħħ allura għanda ngħaddu l-ilmenti tagħna.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet x'inhi l-*outline development permit*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġiba illi trid issir applikazzjoni oħra iktar dettaljata wara l-*outine development permit*.

Is-Sindku qal li sa fejn jaf hu bħalissa qed jissottomettu l-pjanti l-ġodda.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ~~snin ilu~~ il fuq minn 30 sena ilu kienet ħarġet riżoluzzjoni mill-parlament illi sabiex jingħata l-permess illi tinbena ~~l-art fejn hemm il-Jerma fil-preżent kienet biss li tinbena~~ biss lukanda u għaldaqstant hu tal-fehma illi tinbena lukanda biss. Huwa kompla jgħid illi aħna bħala Kunsill nistgħu nniżżlu l-pjanti *online*. Huwa kompla jispjega illi din l-applikazzjoni saret fit-2008 u issa qedgħin 2015 u għalkemm dan iż-żmien ma konniex oġġezzjonajna, xorta nistgħu noġġezzjonaw.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nniżlu l-pjanti u niktbu lil Lands u l-Mepa dwar dan.

3.12 **Arbli fi Triq is-Salvja:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fi Triq is-Salvja hemm żewġ arbli tal-Enemalta tal-konkos li huma kollha maqsuma u importanti li jinbidlu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lill-Enemalta.

3.13 **Embellishment ta' Żonqor Playingfield:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur John B. Camillier, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u l-Perit Bernice Darmanin marru fuq il-post sabiex jitkellmu fuq it-tqassim tal-apparat tal-logħob. Huwa qal li l-parti ta' fuq ser jsir *gym*, il-parti tan-nofs jsiru bandli minħabba li għandna nuqqas ta' dan it-tip ta' apparat u l-parti ta' isfel issir b'apparat għal tfal żgħar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għal dan il-proġett ser napplikaw għal-fondi tal-UIF.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi d-dawl ser jinbidel ukoll u ser ikun inkluż mal-proġett kollu.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.14 **Ħruġ tal-permessi għal żmien il-festa:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi wasal iż-żmien sabiex nibdew nippreparaw għal-permessi ta' żmien il-festa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-permessi jinħarġu bħal tas-sena ta' qabel.

3.15 **Laqgħat tar-Reġjun Xlokk:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar informa lill-Kunsilliera illi fl-aħħar laqgħa li kien attenda tar-Reġjun Xlokk kienu iddiskutew sabiex jerġu jibgħatu ittri għaċ-ċitazzjonijiet kollha pendenti. Huwa kompla jispjega illi min-naħa tar-Reġjun ser joħorġu dawn l-ittri u aħna nibgħatuhom. Huwa kompla jispjega illi l-*authorised officer* waqfuhom u x-xogħol tagħhom ser tibda tagħmlu s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun. Huwa kompla jispjega illi l-kuntratt tal-*authorised officers* kien ilhu skadut għal dawn l-aħħar tlett snin u l-flus li kienu jħallsu lil *authorised officers* issa jer jinqasmu bejn il-Kunsilli li l-ammont ser jkun ta' €4000 għal kull Kunsill. Huwa qal ukoll illi s-servizz tal-*ecowardens* qed ikunu ta' suċċess u nistgħu nitolbu s-servizz tagħhom anke filgħaxija.

3.16 **Triq iż-Żafran:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar preżenta artiklu li kien hemm f'gurnal lokali fejn persuna kitbet kemm hi perikoluża t-triq li tgħati bejn Triq iż-Żafran u l-by pass.

Il-Kunsill qabel unanimament illi issir one *way* tidħol min-naħa tal-bypass u li għandna napplikaw lil Transport Malta.

3.17 **Online Streaming:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab lil Kunsill sabiex l-*istreaming* tal-laqgħat jkunu rekordjati għal kull minn ikun jixtieq jarahom u jinżammu għal xahar.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri daħal għal laqgħa fit-8.15pm***

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi kellna xi pagamenti illi daħlu tard u ser jitressqu f'din is-seduta u jkunu mniżżla fis-seduta li jmiss bħala ħlasijiet b'urġenza:

1) Ms Doreen Mintoff – Accountancy Service invoice #24 ammounting to €690
2) Ms Doreen Mintoff – Accountancy Service invoice #23 ammounting to €690
3) Mailbox Service Ltd – Distribution of leaflets invoice #2638 ammounting €98.65
4) Nexos street Lighting Ltd – Rental and installation of equipment for Arti fil-berah invoice #2010843 ammounting to €794.00

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mill-laqgħa fit-8.20pm***

5.0 ***Aġġudikazzjoni tal-Kwotazzjoni MLC03/2015 – Cleaning of Council Premises and other Premises***

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-*quotation schedule* ta' minn issottometta l-offerta tiegħu.

| No | Contractor | Remarks | Amount |
|---|---|---|---|
| 1 | Floorpul Ltd | | €7.42 for yr 2015 |
| | | | €7,60 for yr 2016 |
| 2 | Kwinta Enterprises Ltd | | €7.43 |
| 3 | All Clean Services Ltd | | €7.49 |
| 4 | Specialist Group Cleaners Ltd | | €7.71 Monday to Friday |
| | | | €10.38 Saturday and Sunday |

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa jekk hemmx cans li jgħolew ir-rati.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-rati jridu jiġu riveduti kull sena minħabba l-KOLA.

Il-Kusnill qabel unanimament illi din l-offerta tkun aġġudikata lil Kwinta Enterprises Ltd.

6.0 ***Mistoqsija:***

**Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – s-Sur John B. Camilleri (#017 – 9/6/15):**

*"Nistaqsi ta' min kienet l-idea li- nhar il-Ħadd 31 ta' Mejju l-gwardjani lokali għamlu ħin twil iduru u jispezjonaw kull karozza li kien hemm ipparkjata ġewwa Żonqor?"*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk dak in-nhar fil-31 ta' Mejju meta kien hemm il-kap tal-oppożizzjoni ġewwa iż-Żonqor, ħarġietx ordni mill-Kunsill sabiex jkun hemm warden minn ħdejn La Spigola sal-pixxina jgħati ċ-ċitazzjonijiet.

Is-Sindku nfurmah illi ma kienetx ħarġet direttiva min-naħa tal-Kunsill u li għandna nistaqsu lir-Regjun Xlokk dwar dan.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#098 – 9/6/15):**

*"Jipproponi sabiex kemm jista jkun malajr jitwaħħlu xi forma ta' bollards jew xi ħaġa simili sabiex ma jsirx ebda parkeġġ fuq il-promenade hekk kif tibda t-telgħa tal-bridge min-naħa tas-Summer Nights."*

Il-Kunsill qabel unanimament nagħmlu tabelli *"Do not obstract the promenade"* u niktbu lil Ispettur sabiex isir iktar infurzar.

7.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#099 – 9/6/15):**

*"Jipproponi sabiex inbidlu l-fanali ta' Triq San Gwakkin u Pjazza Dun Tarcis li ħafna minnhom jinsabu fi stat ħażin. Minflokhom inwaħlu dawk ornamentali bħal ta' Triq la Sengle. "*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spjega li hemm madwar 10 bozoz li jridu jinbidlu fi Triq San Gwakkin minn Triq il-Bużbież sa Frankies Cafe. Huwa kompla jispjega li dawn ser jiswewna madwar €760 il-waħda iżda permezz tal-kuntratt il-ġdid nistgħu ninnegozjaw il-prezz.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrnce Ciantar qal li nistgħu nbidlu ukoll id-dawl ta' Triq Sant'Anna jekk ninegozjaw prezz tajjeb.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li skond il-kalkoli tiegħu hemm madwar 22 bozza b'kollox.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niltaqgħu mal-kuntrattur u li nirranġaw miegħu mhux biss ir-rata iżda li jitħallas nofs l-ammont din is-sena u nofs l-ieħor is-sena d-dieħla.

8.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

8.1 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lil Kunsilliera illi ser jerġa jsir il-kors tal-*first aid* u ser jkun issussidjat.

Il-Kunsill qabel unanimament

8.2 **Ħarġa għal Għawdex:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud informa lill-Kunsilliera illi ser issir ħarġa għal-Għawdex għax-xahar ta' Lulju bl-istess prezzijiet.

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-9.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2015 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |